



Brussell, 6 ta' Ġunju 2025
(OR. en)

9660/25

LIMITE

FIN 616
JAI 715
AG 80

NOTA PUNT "I/A"

minn: Segretarjat Ĝeneralni tal-Kunsill

lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanentni/Kunsill

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 11/2025 tal-Qorti Ewropea tal-Audituri: It-trasparenza tal-finanzjament li jingħata mill-UE lill-NGOs: Minkejja li sar progress, l-istampa ġenerali għadha mhijiex affidabbi - Approvazzjoni

1. Fl-14 ta' Mejju 2025, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanentni ta struzzjonijiet lill-Kumitat tal-Baġit biex jeżamina r-Rapport Speċjali Nru 11/2025 tal-Qorti Ewropea tal-Audituri bit-titlu "It-trasparenza tal-finanzjament li jingħata mill-UE lill-NGOs: Minkejja li sar progress, l-istampa ġenerali għadha mhijiex affidabbi"¹ u biex jislet il-konklużjonijiet rilevanti².
2. Fit-2 ta' Ġunju 2025, il-Kumitat tal-Baġit laħaq qbil dwar l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill anness hawnhekk, abbażi ta' proposta ppreżentata mill-Presidenza.
3. Għalhekk, huwa ssuġġerit li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanentni jagħti parir lill-Kunsill biex japprova l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill fl-Anness bħala punt "A" fl-aġenda ta' laqgħa li jmiss.

¹ ĠU C, C/2025/2266, 11.4.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2025/2266/oj>.

² Dok. 7857/25.

**Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rapport speċjali Nru 11/2025 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: It-trasparenza tal-finanzjament li jingħata mill-UE lill-NGOs:
Minkejja li sar progress, l-istampa ġenerali għadha mhijiex affidabbli**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

1. JILQA' r-rapport speċjali Nru 11/2025 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (minn hawn 'il-quddiem imsejħa "il-Qorti") u t-tweġibiet tal-Kummissjoni għar-rapport;
2. JISSOTTOLINJA li t-trasparenza tal-finanzjament li jingħata mill-UE lill-NGOs hija kruċjali għall-akkontabbiltà;
3. JIEĦU NOTA tas-sejbiet tar-rapport tal-Qorti, b'mod partikolari li:
 - hemm ċerti kwistjonijiet ta' konsistenza, affidabbiltà jew kompletezza fl-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' entitajiet bħala NGOs,
 - in-nuqqas ta' ħarsa ġenerali transsettorjali affidabbli tal-finanzjament tal-UE lill-NGOs jillimita t-trasparenza, u ma jiprovdix għarfien ġenerali,
 - il-konformità mal-valuri tal-UE ma tigħix ikkontrollata b'mod proattiv;
4. JILQA' l-fatt li l-Kummissjoni aċċettat ir-rakkmandazzjonijiet kollha tal-Qorti, għalkemm tnejn minnhom parzjalment biss, u JAQBEL B'MOD WIESA' mat-tweġibiet tal-Kummissjoni għas-sejbiet u r-rakkmandazzjonijiet inklużi fir-rapport tal-Qorti;

5. Filwaqt li jqis ir-rakkmandazzjonijiet tal-Qorti, JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex, filwaqt li taderixxi mal-prinċipju tal-proporzjonalità:
- ittejjeb il-gwida dwar il-klassifikazzjoni tal-NGOs, b'mod partikolari billi tiċċara aktar id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju l-ġdid¹ li għandu jiġi applikat fl-implementazzjoni,
 - ittejjeb il-kwalità tal-informazzjoni fis-Sistema ta' Trasparenza Finanzjarja filwaqt li tiżgura kompletezza, aġġornamenti regolari, u tinkludi informazzjoni dwar riċevituri tat-tieni livell, fejn disponibbli f'konformità mal-qafas legali applikabbi,
 - tesplora l-fattibbiltà tas-sistemi attwali u tiżviluppahom aktar, bil-ħsieb li tissaħħħah il-verifika tal-valuri tal-UE,
 - taċċellera l-iskedi ta' żmien għall-implementazzjoni tar-rakkmandazzjonijiet tal-Qorti kif fattibbli, bl-ġhan li tiġi indirizzata l-frammentazzjoni attwali tal-informazzjoni pubblika.

¹ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbi għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni)(ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oi>).